# APPUNTAMENTI

1. **IL-FESTA:** Fil-jiem li ġejjin se joħroġ il-programm tal-festa tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Fin-novena se jkun hemm mumenti speċjali għat-tfal, għaż-żgħażagħ u għall-kbar, għall-gruppi, għal dawk li għandhom xi ministeru, għal dawk li jwettqu xi servizz fil-komunità parrokkjali, għall-emigranti tagħna, għall-barranin li jgħixu hawnhekk in-Nadur u għall-ħaddiema tas-saħħa. Għal dawn tal-aħħar qed nagħmlu stedina speċjali minħabba l-kontribut kbir li taw bix-xogħol u r-riskju li qagħdu għalih f'dan il-mument ta' pandemija. Fil-fatt se nibagħtulhom ittra u fil-każ li jkun hemm xi ħadd minnhom li l-ittra ma jirċevihiex, nitolbuhom biex dan il-messaġġ tiegħi jqisuh bħala stedina għalihom ukoll.
2. **WARA L-FESTA:** Ma ninsewx Jum il-Mulej. Issa li l-pandemija, filwaqt li qed nikteb ma għadhiex daqshekk qawwija, infakkarkom sabiex tħallu l-Ħadd bħala l-jum li fih nagħmlu l-esperjenza t'Alla. Jum il-Mulej jimliena entużjażmu għax Alla jkun preżenti fina. Kultant itini li fuq in-noticeboard niktbu "miftuħin għall-qadi, kif dejjem konna fl-aħħar 2,000 sena!"

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

**ELF SIĠRA GĦALL-MULEJ!**



Mill-foresti fi Franza ntgħażlu elf siġra tal-oak li se jintużaw biex mill-ġdid isir is-saqaf tal-injam tal-Katidral ta' Notre Dame ġewwa Pariġi. Dan is-saqaf kien inħaraq xi snin ilu f'nirien li kienu qabdu aċċidentalment. Biex sabu din il-kwantità ta' siġar kellhom ifittxu ġewwa l-boskijiet tal-gvern u kien hemm familji li offrew is-siġar mill-foresti privati tagħhom.

**AVVIŻI:**

**MASS IN ENGLISH:** is at present being celebrated every Sunday at 7:00pm at the old church of Għajnsielem. Everyone is most welcome.

**IL-LEĠJUN TA' MARIJA:** javżaw lit-tfal li l-laqgħat għalihom organizzati mil-Leġjun ta' Marija qed isiru kull nhar ta' Ħadd fid-dar San Pietru u San Pawl, fi Triq Diċembru 13, wara l-quddiesa tal-9:45am.

**QUDDIESA GĦAR-ROMOL:** Monsinjur Ġużeppi Cauchi se jqaddes għall-mejtin għeżież tar-romol nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju, fil-Bażilika, fid-9:00am.

**BDILNA ĦIN TA' QUDDIESA:** nixtiequ navżawkom li l-ewwel quddiesa ta' filgħaxija ta' nhar is-Sibt 12 ta' Ġunju se tkun fl-4:30pm minflok fil-5:00pm peress li se jkun hemm tieġ. Dan il-bdil se jkun għall-ġurnata msemmija biss.

**BOOKING TA' QUDDIES:** L-Uffiċċju Parrokkjali se jkun miftuħ għal booking ta' quddies ġdid mill-5 ta' Lulju 'l quddiem. Infakkrukom li l-Uffiċċju Parrokkjali jiftaħ it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mid-9:00am sal-11:30am.




**IRĊEVUTI TAL-VAT**

Nitolbu lil dawk li jġibulna l-irċevuti tal-VAT biex jagħmlu dan kull xahar. Pereżempju jekk tkunu se ġġibu l-irċevuti ta' Mejju, tridu twassluhom għandna sal-10 ta' Ġunju. Ma tistgħux titfgħu rċevuti qodma u ġġibuhom f'daqqa.

Nirringrazzjawkom talli tgħinuna anke b'dan il-metodu ta' fundraising.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am